StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA MALTI L-ORAL – IT-TAĦDITA**

## (Karta tal-Eżaminatur)

*Dawn li ġejjin mhumiex "il-mistoqsijiet" li l-eżaminatur għandu jistaqsi lill-kandidati. Iżda dawn qed jingħataw bħala gwida jew spunt għad-diskussjoni. Għalhekk l-eżaminatur jista' jfassal mistoqsijiet u kummenti oħra li jistgħu jwasslu għall-istess skop.*

*(6 marki: 2 marki għat-tagħrif, 2 marki għall-għarfien, 2 marki għall-mod ta' espressjoni bil-Malti)*

**IL-KULTURA: ASPETTI FOLKLORISTIĊI**

- Taf x'inhu folklor?
- Semmi xi drawwiet li m'għadhomx ħajjin.
- Semmi xi drawwiet li għadhom ħajjin.

**J E W**

**IL-KULTURA: ASPETTI TA' ŻMIENNA**

- Tħobb timxi mal-moda (ilbies, *make-up*, stil ta' xagħar)?
- Tħobbha l-mużika? X'tip ta' mużika tħobb (moderna, *rock*, klassika)?
- Dilettant/a tal-għasafar, tal-biedja, tas-sajd, taż-żwiemel, tal-ħjata, tal-bizzilla? Dilettant/a ta' xi ħaġa oħra?

**J E W**

**LINGWA: ASPETTI STORIĊI U TA' ŻMIENNA**

- Taf li l-ilsien Malti hu l-ilsien nazzjonali? Int tinqeda l-aktar bl-istandard jew bid-djalett?
- Taf li l-ilsien Malti fih kliem li ġej mit-Taljan u mill-Ingliż? Taf issemmi xi wħud minnhom?
- Toqgħod attent/a kif tikteb bil-Malti meta tibgħat xi SMS bil-mowbajl?



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA — MALTI — L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 1. Nar u Qaddisin

Awwissu żgur li mhux xahar mill-agħar għall-Maltin. Barra li huwa l-aktar xahar sħun tas-sena, huwa x-xahar tal-festi. F'dan ix-xahar jiġu ċċelebrati numru kbir ta' festi f'ġieħ il-qaddis. U dan isir b'ħafna ħrara, daqq ta' qniepen u ħruq tan-nar. Il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena f'ħafna bliet u rħula f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni jinxtara lbies ġdid. It-toroq jiksbu dehra ġdida bl-anġli tal-kartapesta, festuni u bandalori. U n-nies erħilha tonfoq. L-arja timtela riħa ta' mqaret, *chips* u *hotdogs*, *popcorn* u *candy floss*, ġelat, birra u *softdrinks*.

(addattament minn *Malti Komunikattiv, Prattiku u Kreattiv*, ta' Tarċisju Zarb)

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Awwissu xahar popolari mal-Maltin minħabba s-sħana u l-festi.
- Fih jiġu ċċelebrati numru ta' festi, fosthom Santa Marija.
- Għal din il-festa jinxtara lbies ġdid, it-toroq jiżżejnu, u n-nies tonfoq il-flus.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** | **MALTI** | **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 2. L-isfilata tal-Karnival

Waranofsinhar mort ma' missieri u ma' ommi biex naraw l-isfilata tal-Karnival. Imma l-Belt kien hemm ħafna nies u għalhekk bqajna barra minn fejn stajna naraw il-karrijiet fi triq usa' u fejn kien hemm anqas folol. Quddiem nett kien hemm ir-Re tal-Karnival. Fuq il-karrijiet kien hemm ħafna nisa u rġiel libsin il-kostumi u dawn bdew isaffru, jgħajtu u jkantaw. Fost l-aktar li għoġbuni kien hemm karru b'dinosawru kbir fuqu! Dan beda jċaqlaq rasu u jħares lejn in-nies miġbura fuq il-bankini. Kien hemm ukoll xi maskarati li bdew idaħħku lin-nies fit-triq.

(addattament minn *Mid-Djarji ta' Stefan u Marika*, ta' Charles Casha)

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Mar mal-ġenituri ħalli jaraw l-isfilata tal-Karnival.
- Imma l-Belt kien hemm ħafna nies u allura rawha minn triq usa'.
- Kien hemm ir-Re tal-Karnival, karrijiet mimlijin bin-nies, karru b'dinosawru, u maskarati.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 3. Il-Kompjuter

Il-kompjuter sar parti importanti minn ħajjitna. Bħalissa l-kompjuters qegħdin jintużaw f'diversi postijiet, bħal fid-dar, fl-iskola u fuq il-post tax-xogħol. Il-kompjuter qiegħed ibiddlilna ħajjitna. Permezz tal-internet inkunu nistgħu nieħdu informazzjoni f'qasir żmien u, grazzi għall-*e-mails*, inkunu nistgħu nikkomunikaw fl-iqsar żmien possibbli. Fl-iskola ninqdew bil-*word processor* ħalli niċċekkjaw l-iżbalji fil-kitba u bħalissa qed nużaw l-*interactive whiteboards* fil-laboratorji tax-xjenza. U llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li "bla kompjuter la tgħannaq u lanqas tbus!"

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Il-kompjuter sar parti importanti minn ħajjitna.
- Bħalissa qed jintuża fid-djar, fl-iskola, fuq il-post tax-xogħol.
- Il-ħeffa tal-internet u tal-*e-mails*; il-*word processor*; l-*interactive whiteboards*.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 1. Nar u Qaddisin

Awwissu żgur li mhux xahar mill-agħar għall-Maltin. Barra li huwa l-aktar xahar sħun tas-sena, huwa x-xahar tal-festi. F'dan ix-xahar jiġu ċċelebrati numru kbir ta' festi f'ġieħ il-qaddis. U dan isir b'ħafna ħrara, daqq ta' qniepen u ħruq tan-nar. Il-festa ta' Santa Marija tiġi ċċelebrata fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena f'ħafna bliet u rħula f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Għal din l-okkażjoni jinxtara lbies ġdid. It-toroq jiksbu dehra ġdida bl-anġli tal-kartapesta, festuni u bandalori. U n-nies erħilha tonfoq. L-arja timtela riħa ta' mqaret, *chips* u *hotdogs*, *popcorn* u *candy floss*, ġelat, birra u *softdrinks*.

(addattament minn *Malti Komunikattiv, Prattiku u Kreattiv*, ta' Tarċisju Zarb)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-him u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 2. L-isfilata tal-Karnival

Waranofsinhar mort ma' missieri u ma' ommi biex naraw l-isfilata tal-Karnival. Imma l-Belt kien hemm ħafna nies u għalhekk bqajna barra minn fejn stajna naraw il-karrijiet fi triq usa' u fejn kien hemm anqas folol. Quddiem nett kien hemm ir-Re tal-Karnival. Fuq il-karrijiet kien hemm ħafna nisa u rġiel libsin il-kostumi u dawn bdew isaffru, jgħajtu u jkantaw. Fost l-aktar li għoġbuni kien hemm karru b'dinosawru kbir fuqu! Dan beda jċaqlaq rasu u jħares lejn in-nies miġbura fuq il-bankini. Kien hemm ukoll xi maskarati li bdew idaħħku lin-nies fit-triq.

(addattament minn *Mid-Djarji ta' Stefan u Marika*, ta' Charles Casha)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra din is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 3. Il-Kompjuter

Il-kompjuter sar parti importanti minn ħajjitna. Bħalissa l-kompjuters qegħdin jintużaw f'diversi postijiet, bħal fid-dar, fl-iskola u fuq il-post tax-xogħol. Il-kompjuter qiegħed ibiddlilna ħajjitna. Permezz tal-internet inkunu nistgħu nieħdu informazzjoni f'qasir żmien u grazzi għall-*e-mails*, inkunu nistgħu nikkomunikaw fl-iqsar żmien possibbli. Fl-iskola ninqdew bil-*word processor* ħalli niċċekkjaw l-iżbalji fil-kitba u bħalissa qed nużaw l-*interactive whiteboards* fil-laboratorji tax-xjenza. U llum il-ġurnata nistgħu ngħidu li "bla kompjuter la tgħannaq u lanqas tbus!".



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 4. Il-Kliem

Il-kliem huwa għodda, u bħal għodda oħra, jista' jintuża biex jagħmel il-ġid jew inkella d-deni. Kif is-sikkina tista' tintuża biex taqta' l-ħobż, hekk ukoll tista' tintuża biex toqtol jew tagħmel il-ħsara. L-istess il-kliem. Wieħed jista' juża l-kliem biex, kif inħobbu ngħidu, jgħaddi kelma ta' ġid. Meta nitkellmu b'dan il-mod, aktarx li nkunu rridu ngħinu lill-oħrajn billi nagħtuhom xi parir tajjeb. Dan hu sewwa u ta' min ifaħħru. Imma wieħed jista' juża l-kliem ukoll biex jigdeb jew jgħajjar, u hekk jagħmel ħafna ħsara. Mela rridu noqogħdu attenti kif nitkellmu.

(addattament minn *Il-Paroli Żejda*, ta' Carm C. Cachia)

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Bil-kliem nistgħu nagħmlu l-ġid jew id-deni.
- Meta wieħed juża l-kliem biex jagħmel il-ġid, jagħmel sewwa, imma meta juża l-kliem biex jgħajjar jew jigdeb, jagħmel ħażin.
- Għalhekk irridu noqogħdu attenti kif nitkellmu.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 5. Il-Klieb

Il-Franċiżi jgħidu li fil-bidu nett, Alla ħalaq il-bniedem, u meta rah waħdu, qisu ruħ mitlufa, ħalaqlu l-kelb biex iżommlu kumpanija. Il-kelb kien wieħed mill-ewwel annimali li l-bniedem beda jrabbi, u nafu li f'Malta anke l-bniedem ta' Żmien il-Ħaġar kien irabbi l-klieb. Il-bniedem beda jrabbi l-klieb ukoll biex jgħinuh fix-xogħol tiegħu. Ngħidu aħna, hemm klieb li jafu jmexxu l-merħliet tal-bhejjem jew klieb li jfittxu n-nies mitlufin fis-silġ jew meta jaqa' xi bini f'terremot. Imbagħad hemm klieb li jiġbdu warajhom slitta u jiġru biha fuq is-silġ.

(addattament minn *Qiegħda fuq il-Ponta ta' Lsieni*, ta' Ġ. Gatt)

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Il-klieb iżommu kumpanija lill-bniedem.
- Il-kelb kien wieħed mill-ewwel annimali li l-bniedem immansa.
- Hemm klieb li jgħinu lill-bniedem fix-xogħol tiegħu.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

| **Il-ĦAMES SENA** | **MALTI** | **L-ORAL - QARI** |
|---|---|---|

**(Karta tal-Eżaminatur)**

*Isma' lill-kandidati jaqraw din is-silta u staqsi għall-punti ewlenin tagħha jew verżjoni fil-qosor fi kliemhom. Tista' tieħu l-punti ta' hawn taħt bħala gwida biex tara li t-tweġibiet tagħhom juruk li jkunu fehmu u jafu jinterpretaw it-test.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 6. Is-Sikka ta' Kalanġ

Kalanġ Borg kien qiegħed jistad xi disa' mili 'l bogħod minn Malta u nduna li l-baħar filli kien fond u filli sar baxx. X'kien ifisser dan? Kalanġ kien sab sikka ġdida li ħadd ma kien jaf biha u li kienet tagħmel ħafna ħut. Bħala sajjied, Kalanġ kellu prinċipju. Hu kien jgħid hekk: "Meta taqbad il-ħut, ftaħar li qbadt, għax b'hekk tkun tfaħħar lil Alla". Meta semgħu l-aħbar, ħafna sajjieda oħra bdew imorru fuq is-sikka li sab dan is-sajjied u minn hemm bdew jaqbdu ħafna ħut. Minn dakinhar, din is-sikka saret magħrufa bħala s-Sikka ta' Kalanġ.

(addattament minn *Is-Sikka ta' Kalanġ*, ta' A. F. Attard)

*Punti Ewlenin (Gwida)*

- Darba, waqt li kien jistad, Kalanġ sab sikka b'ħafna ħut.
- Kalanġ ftaħar bil-ħut li qabad għax hekk kien qiegħed ifaħħar lil Alla.
- Ħafna sajjieda oħra marru fuq is-sikka biex huma wkoll qabdu ħafna ħut.

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sin is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 4. Il-Kliem

Il-kliem huwa għodda, u bħal għodda oħra, jista' jintuża biex jagħmel il-ġid jew inkella d-deni. Kif is-sikkina tista' tintuża biex taqta' l-ħobż, hekk ukoll tista' tintuża biex toqtol jew tagħmel il-ħsara. L-istess il-kliem. Wieħed jista' juża l-kliem biex, kif inħobbu ngħidu, jgħaddi kelma ta' ġid. Meta nitkellmu b'dan il-mod, aktarx li nkunu rridu ngħinu lill-oħrajn billi nagħtuhom xi parir tajjeb. Dan hu sewwa u ta' min ifaħħru. Imma wieħed jista' juża l-kliem ukoll biex jigdeb jew jgħajjar, u hekk jagħmel ħafna ħsara. Mela rridu noqogħdu attenti kif nitkellmu.

(addattament minn *Il-Paroli Żejda*, ta' Carm C. Cachia)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sin is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 5. Il-Klieb

Il-Franċiżi jgħidu li fil-bidu nett, Alla ħalaq il-bniedem, u meta rah waħdu, qisu ruħ mitlufa, ħalaqlu l-kelb biex iżommlu kumpanija. Il-kelb kien wieħed mill-ewwel annimali li l-bniedem beda jrabbi u nafu li f'Malta anke l-bniedem ta' Żmien il-Ħaġar kien irabbi l-klieb. Il-bniedem beda jrabbi l-klieb ukoll biex jgħinuh fix-xogħol tiegħu. Ngħidu aħna hemm klieb li jafu jmexxu l-merħliet tal-bhejjem jew klieb li jfittxu n-nies mitlufin fis-silġ jew meta jaqa' xi bini f'terremot. Imbagħad hemm klieb li jiġbdu warajhom slitta u jiġru biha fuq is-silġ.

(addattament minn *Qiegħda fuq il-Ponta ta' Lsieni*, ta' Ġ. Gatt)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**Il-ĦAMES SENA** **MALTI** **L-ORAL - QARI**

**(Karta tal-Istudenti)**

*Aqra sin is-silta u wara agħti l-punti ewlenin tagħha fi kliemek.*

(4 marki: 2 għall-qari u 2 għall-fehim u l-interpretazzjoni tat-test b'Malti mitkellem tajjeb.)

## 6. Is-Sikka ta' Kalanġ

Kalanġ Borg kien qiegħed jistad xi disa' mili 'l bogħod minn Malta u nduna li l-baħar filli kien fond u filli sar baxx. X'kien ifisser dan? Kalanġ kien sab sikka ġdida li ħadd ma kien jaf biha u li kienet tagħmel ħafna ħut. Bħala sajjied, Kalanġ kellu prinċipju. Hu kien jgħid hekk: "Meta taqbad il-ħut, ftaħar li qbadt, għax b'hekk tkun tfaħħar lil Alla". Meta semgħu l-aħbar, ħafna sajjieda oħra bdew imorru fuq is-sikka li sab dan is-sajjied u minn hemm bdew jaqbdu ħafna ħut. Minn dakinhar, din is-sikka saret magħrufa bħala s-Sikka ta' Kalanġ.

(addattament minn *Is-Sikka ta' Kalanġ*, ta' A.F. Attard)

www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

**EŻAMIJIET ANNWALI GĦALL-ISKEJJEL SEKONDARJI 2011**
Direttorat għal Kwalità u Standards fl-Edukazzjoni
Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

Rotta 1

**IL-ĦAMES SENA** **MALTI** **ĦIN : Sagħtejn**

**Isem :** ________________________ **Klassi :** ___________________

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA:**

**SKEMA TA' MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | ORAL | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 18 | 28 | 12 | 12 | 20 | 10 | 100 |
| Marki tal-istudent/a | | | | | | | |

**KUMMENTI**

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________

___________________________________________



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## A. Silta għall-qari (18-il marka)

# Inqumu mit-telqa



L-agħar ħaġa li jista' jiġrilu l-bniedem hi li jaqa' fl-apatija. Imsejken min jintelaq mal-kurrent, min iħalli d-dinja ssuqu mingħajr ma jkollu ħila jżommilha l-brejkijiet.

Flok jidderieġi t-tmun ta' ħajtu, iħalli r-riħ jobormu bla direzzjoni. Jibda jeżisti flok jgħix. Jew jgħix qisu jeżisti hu biss.

B'xorti ħażina ssib imsejkna bħal dawn. Jew għax ikunu bla ħeġġa minn qaddishom jew inkella effett ta' esperjenzi qarsa li jkunu għaddew minnhom u li jħalluhom bla saħħa li jerġgħu jerfgħu rashom minn taħt l-ilma.

Imbagħad hemm oħrajn li jiġu jaqgħu u jqumu minn kull ħaġa u minn kulħadd. Kielu huma, kiel kulħadd. Jiltaqgħu ma' bnedmin batuti u jibqgħu għaddejjin b'rashom merfugħa, b'dik il-bruda inumana.

Ejjew inqumu fuq tagħna. Ejjew ma nibqgħux iżolati fl-egoiżmu. Ejjew nirbħu l-bruda u nsiru konxji tagħna nfusna, tal-ħiliet, tad-dmirijiet, tar-responsabbiltajiet tagħna. Fuq kollox, ejjew nużawhom biex bihom nilħqu lil ħaddieħor.

(addattament minn kitba ta' Mons. M. Curmi li dehret f'*Leħen mill-Arka* Ħarġa 19)



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

1. Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha:

i. (Id-droga, L-apatija, Il-kilba għall-flus) hi l-aktar ħaġa kerha li jista' jaqa' fiha l-bniedem.

ii. Ħażin jekk (tintelaq, tgħum, taqbeż) mal-kurrent.

iii. Mhux sew li tgħix qisek (tiekol, tixrob, teżisti) inti biss.

2. Mis-silta sib u ikteb il-kelma li jonqos: (6)

i. Ġieli tiltaqa' ma' nies li jkunu bla ħ ________________.

ii. Dawn ikunu għaddew minn e________________ koroh.

iii. Għadek issib min ma jimpurtah minn ħadd u għalhekk jimxi b'dik il-b________________.

3. Kompli t-tweġiba: (6)

i. X'għandna nagħmlu biex nirbħu l-egoiżmu?

Biex nirbħu l-egoiżmu rridu ______________________

______________________________________________.

ii. Għalxiex għandna nużaw il-ħiliet tagħna?

Il-ħiliet tagħna għandna nużawhom ħalli ____________

______________________________________________.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## B. Lingwa (28 marka)

1. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel bħal fl-eżempju. (6)

   Xi nies, __________ meta jikbru, jibqgħu jibżgħu mill-ħares, mill-fatati u mill-babaw; __________ jitkexkxu __________ jimxu fid-dlam, __________ f'darhom stess. __________ tistrieħ il-gwardarobba bis-sħana tas-sajf, __________ li jkunu mimdudin, biex jinħasdu…..

   (silta minn *Mid-Dar għas-Soċjetà* ta' Dun Frans Camilleri)

| |
|---|
| anki, Biżżejjed, meta, **Xi**, malajr, imqar, waqt |

2. Sib il-kelma t-tajba mill-kaxxa t'isfel bħal fl-eżempju. (6)

i. Lagħab u spiċċa b'siequ (is-sieq tiegħu) fil-ġibs.

ii. _____________ (l-isem tiegħi) Marvic.

iii. (L-għajnejn tagħhom) _____________ blu ċar.

iv. Poġġejt il-basket _____________ (fuq il-kotba).

v. (Fil-ktieb) _____________ hemm bosta stampi.

vi. Dak il-mutur _____________ (ta' ħija) u l-karozza _____________ (ta' + jien).

| |
|---|
| fuqhom, Fih, tiegħu, Għajnejhom, tiegħi, **siequ**, Ismi |



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

3. Imla l-vojt bil-verb addattat mill-kaxxa t'isfel bħal fl-eżempju. (8)

i. Bi żball, l-istudent laqat lil sieħbu.
ii. L-istudent __________ minn karozza.
iii. L-ikel li kien fadal __________ kollu.
iv. Il-ħalliel __________ mill-ħabs ta' Kordin.
v. Il-ħalliel __________ mill-ħabs minn ħabsi ieħor.
vi. In-nannu __________ marda serja.
vii. Min jeqred, __________ lil kulħadd.
viii. Anna tħobb __________ l-għamara.
ix. Il-kap ma jerfax responsabbiltà; iħobb __________ wisq.

| |
|---|
| marad, ifarfar, intlaqat, **laqat**, ħarab, tfarfar, tħarrab, imarrad, tlaqqat |

4. Immarka l-aġġettivi (li jgħinuna niddeskrivu). L-ewwel aġġettiv hu mmarkat bil-lest. (8)

i. Malta żgħira imma Għawdex iżgħar!

ii. Għandek bżonn xi żarbun pulit għal tieġ straordinarju?

iii. Ir-raba' saqwi hu għammiel.

iv. Taret il-kamra ewlenija tan-nar bi splużjoni qawwija.

v. It-tim tal-Inter rebaħ il-finali taċ-*Champions League* b'wirja stupenda.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

## Ċ. Malti Prattiku (12-il marka)

Irranġa dawn is-sentenzi wara xulxin bin-numri 2 sa 7 ħalli tikteb struzzjonijiet għal riċetta. L-ewwel struzzjoni hi lesta.

**Riċetta tal-ispagetti bil-bajd, mozzarella u inċova**

| | |
|---|---|
| Ħawwad sewwa b'żewġ frieket u ħalli l-ispagetti fil-kazzola sakemm il-mozzarella ddub. | |
| Wara li tħawwadhom, għalli l-ispagetti. | |
| Poġġi f'dixx imsaħħan u servi. | |
| Qatta' l-inċova f'biċċiet żgħar u poġġi fi skutella żgħira. | **1** |
| Meta l-ispagetti ma jibqgħux ebsin, saffi bla ma tħalli joqtru u itfa' fil-kazzola mal-butir imdewweb. | |
| Poġġi l-kazzola fuq nar bati u żid it-taħlita tal-inċova, il-bajd u l-mozzarella. | |
| Mal-inċova żid l-isfar tal-bajd, il-mozzarella, il-melħ u l-bżar u ħawwad sewwa. | |

## D. Letteratura (12-il marka)

### i. Proża

**Il-vapur tal-art**



Il-vagun kien tista' tgħid battal, u dritt tlajt għarkopptejja quddiem tieqa. Il-vapur beda jonfoħ, jokrob u jitqanżaħ u tħarrek bil-mod. Il-gwardjan, li kien wieqaf quddiemna, deher sejjer lura, u l-istazzjon ukoll u f'kemm trodd salib konna bejn il-qasab tal-wied, u barra fl-għelieqi, kollha qasbija tal-qamħ.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

StudentBounty.com

Il-vapur żied fil-ħeffa bir-roti sejrin 'ċiki – ċiki – ċù; ċiki – ċiki – ċù'. Meta jdur lejn il-lemin narah kollu, il-magna ttajjar il-fwar u d-duħħan, bir-roti kollha marbutin ma' ħadida twila tielgħa u nieżla, u l-ħames vaguni ta' quddiem tagħna. Għaddiet kamra żgħira ħamra, u ħdejha l-għassies bil-bandiera. Wasalna fi stazzjon kbir, mimli siġar kbar. Il-linja nferqet fi tnejn u xħin waqafna biex jinżlu u jitilgħu n-nies, rajt vapur ieħor wieqaf.

(addattament minn **Il-Vapur tal-Art** ta' Kilin)

Agħżel l-aħjar tweġiba billi tagħmel sing taħtha. (6)

(a) Il-vapur tal-art dam ma ħareġ mill-istazzjon?

(i) Le, il-vapur tal-art ma damx ma ħareġ mill-istazzjon.

(ii) Iva, il-vapur tal-art dam ma ħareġ mill-istazzjon.

(b) Meta seta' jara l-vapur tal-art kollu?

(i) Seta' jara l-vapur tal-art kollu meta dan kien miexi.

(ii) Seta' jara l-vapur tal-art kollu meta dan kien wieqaf fl-istazzjon.

(ċ) Il-linja meta nferqet fi tnejn?

(i) Il-linja nferqet fi tnejn meta l-vapur tal-art kien qalb ir-raba'.

(ii) Il-linja nferqet fi tnejn meta l-vapur tal-art wasal fl-istazzjon.



www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers

### ii. Poeżija

Niftakar għajn fil-misraħ
li minnha l-ilma ġieri
jinżel fil-ħawt iċaqċaq
u t-tfal wara l-iskola
iniżżlu ħalqhom magħha
u meta jmorru t-tfal
jinżlu l-għasafar.

(strofa mill-poeżija **L-Għajn fil-Misraħ** ta' Joe Friggieri)

Agħżel it-tweġiba t-tajba billi tagħmel sing taħtha. (6)

(a) Il-poeta jiftakar f'(niesu, għajn, film).
(b) Din l-għajn kienet (fit-triq, f'għalqa, fil-misraħ).
(ċ) Mill-għajn kien jinżel l-ilma (mielaħ, mdardar, ġieri).
(d) L-ilma kien jispiċċa (fil-ħawt, fil-baħar, fit-triq).
(e) (It-tfal, L-għasafar, L-annimali) kienu jniżżlu ħalqhom mal-għajn.
(f) Wara t-tfal kienu jmorru jixorbu (l-anzjani, ż-żgħażagħ, l-għasafar).

## E. Kitba ta' Sentenzi / Paragrafi (20 marka)

Ikteb madwar **250** kelma dwar **wieħed** minn dawn fuq karta separata:

i. Festa li spiċċat fi traġedja.

ii. Ix-xogħol li jogħġobni.



StudentBounty.com
www.StudentBounty.com
Homework Help & Pastpapers